# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **395/2025**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Qbid fuq Immobbli Nru **64/2024 AD**

**IOAONNIS ANASTRASSIADES**
**DETENTUR TAL-PASSAPORT ĊIPRIJOTT NUMRU K00159265**
**BIN GEORGE U NIKI NEE KYPRI, RESIDENTI NICOSIA ĊIPRU**
**U**
**STERFOCE INVESTMENTS LIMITED**
**NUMRU TA' REĠISTRAZZJONI HE158940, REĠISTRATA F'NICOSIA ĊIPRU,**
**DEBITAMENT RAPPREŻENTATI**
**MILL-AVUKAT DR MALCOLM MIFSUD (KI 405168M)**

**VS**

**CREDINVEST INTERNATIONAL CORPORATE FINANCE LIMITED (C21795)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sitta (6) ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba magħmula permezz ta' rikors datat ħdax (11) t'April 2025 (minn issa 'l quddiem *"ir-rikors odjern"*) ippreżentat mis-soċjeta' Credinvest International Corporate Finance Limited (minn issa 'l quddiem *"is-soċjeta' rikorrenti"*), u risposta tal-Av Dr Malcolm Mifsud noe (minn issa 'l quddiem *"l-intimat noe"*) datata wieħed u għoxrin (21) t'April 2025.

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors intavolat quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta nhar it-tmienja (8) ta' Mejju 2020 (Rik Nru 287/2020 MH), l-Avukat Dr Malcolm Mifsud noe talab ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'Malta ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Distrettwali ta' Nicosia, Ċipru nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2018 fl-ismijiet *Ioaonnis Anastrassiades et vs Alain Mangion et*. B'sentenza mogħtija nhar l-ewwel (1) ta' Novembru 2023, din il-Qorti kif diversement presjeduta laqgħet it-talba rikorrenti;

3. Alain Mangion u Credinvest International Corporate Finance Limited appellaw mis-sentenza ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta b'rikors datat l-ewwel (1) ta' Diċembru 2023, u b'sentenza mogħtija nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2023, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) laqgħet l-appell u ħassret is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, filwaqt illi ddikjarat il-proċedura istitwita quddiem l-Ewwel Qorti bħala mhux konformi mar-Regolament (UE) 1215/2012. Konsegwentement ċaħdet ukoll it-talbiet tal-Av Dr Malcolm Mifsud noe;

4. Permezz ta' rikors datat disgħa (9) t'Ottubru 2024 (Bejgħ bl-Irkant Nru 64/2024), l-Av Dr Malcolm Mifsud noe talab il-ħruġ ta' mandat ta' qbid t'immobbli fuq il-proprjeta' *Credinvest House*, 157, Triq l-Arċisqof, Valletta, u talab lill-Qorti tiffissa wkoll jum, ħin u lok għall-bejgħ in subbasta tal-istess fond. Dan in segwitu ta' sentenza datata sitta (6) ta' Lulju 2018 mill-Qorti

Distrettwali ta’ Nicosia ġewwa Ċipru illi permezz tagħha Ioaonnis Anastrassiades u Sterfoce Investments Limited ġew dikjarati kredituri tas-soċjeta’ Credinvest International Corporate Finance Limited, u dan fis-somma ta’ tliet mija u ħamsa u tletin elf Ewro (€335,000), liema sorte kienet niżlet għal dan l-ammont stante illi saru xi pagamenti, bl-imgħax ta’ €76,961.80, u b’riserva għall-imgħaxijiet ulterjuri mal-pagament effettiv u l-ispejjeż riservati;

5. B’digriet mogħti nhar il-ħmistax (15) t’Ottubru 2024, din il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ ta’ mandat ta’ qbid ta’ ħwejjeġ immobbli, u, *inter alia*, ordnat illi l-bejgħ b’subbasta għandu jsir nhar l-erbgħa u għoxrin (24) t’April 2024 fil-ħdax u nofs ta’ filgħodu (11.30am);

6. Bir-rikors odjern, is-soċjeta’ rikorrenti **<u>Credinvest International Corporate Finance</u>** ippremettiet:

   a. *Illi dan ir-rikors qed isir mill-esponenti ai termini tal-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta’ sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ir-“Regolament (UE) 1215/2012”), bħala “persuna li kontra tagħha qed jintalab l-eżekuzzjoni” kif previst mill-istess artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, rispettivament;*

   b. *Illi nhar it-8 ta’ Mejju 2020 l-Av Mifsud nomine intavola rikors ġuramentat bin-numru ta’ referenza 287/2020 MG, debitament notifikat lill-esponenti, u li magħha kien hemm anness kopja ta’ sentenza tal-Qorti Distrettwali ta’ Nicosia, ġewwa Ċipru mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta’ referenza 3579/09, u datata is-6 ta’ Lulju 2018 (is-“Sentenza Ċiprijotta”) flimkien ma’ traduzzjoni tal-istess sentenza għal-lingwa Ingliża, u l-Anness II maħruġ ai termini tal-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 1215/2012 (vide “*__*Dok AM1*__*”). Permezz ta’ tali kawża, l-Av Mifsud nomine talab li tiġi rikonoxxuta u dikjarata eżegwibbli s-Sentenza Ċiprijotta li ngħatat kontra l-esponenti;*

c. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar l-1 ta' Novembru 2023 (kopja hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok AM2**"), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivilli laqgħet it-talbiet tal-Av Mifsud nomine (hawnhekk intimat) u sussegwentement l-esponenti intavolaw appell minn tali sentenza sabiex din titħassar u tiġi rrevokata abbażi l-fatt li ma hi meħtieġa l-ebda proċedura speċjali għar-rikonoxximent ta' sentenza estera mogħtija minn qorti fi stat ieħor membru tal-Unjoni Ewropea u li fi kwalunkwe każ ma kienx meħtieġ rikors ġuramentat;*

d. *Illi l-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tal-esponenti u konsegwentement ordnat it-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti (kopja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok AM3**');*

e. *Illi sussegwentement nhar id-disgħa (9) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-Av. Mifsud nomine ippreżenta rikors li bih talab il-ħruġ ta' mandat ta' qbid ta' immobbli kontra l-esponenti fuq il-fond hemm imsemmi li jinsab ġewwa l-Belt Valletta, u kif ukoll il-bejgħ b'subbasta tal-istess fond (rikors bin-numru ta' referenza 64/2024) (kopja hawn annssa u mmarkata bħala '**Dok A4**'). Din it-talba ġiet milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-ħmistax (15) t'Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) (kopja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dok AM5**');*

f. *Illi fl-umli fehma tal-esponenti r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tas-Sentenza f'Malta għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-artikolu 45(1) u l-artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, in kwantu ir-rikonoxximent tagħha ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Malti, u dan għal raġunijiet li ser jiġu ampjament spjegati u elaborati tul dan ir-rikors, u fil-mori ta' din il-proċedura ġudizzjarja;*

g. *Illi, għall-istess raġunijiet, isegwi li l-infurzar tas-Sentenza f'Malta għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012 għaliex ma jirriflettux il-proċedura maħsuba fil-liġi*

*applikabbli għall-iskopijiet ta' rikonoxximent u enforzar ta' sentenzi esteri f'Malta;*

h. *Illi f'dan ir-rigward jibda billi jingħad illi fis-Sentenza Ċiprijotta hemm <u>diskrepanza kbira</u> bejn is-sorte ta' €55,000 u l-ammont eżorbitanti ta' €400,000 ordnat li jitħallas mill-esponenti mill-Qorti ta' Nikosija;*

i. *Illi fis-Sentenza Ċiprijotta de quo stess (traduzzjoni tagħha għal-lingwa Ingliża annessa mar-rikors ġuramentat promotur), minnha wkoll jidher ċar u evidenti li s-sorte tal-vertenza bejn il-partijiet kienet effettivament ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000). Dan għaliex ma jagħmel l-ebda sens loġiku, fattwali u legali li s-sorte tal-vertenza kien ta' erba' mitt elf Ewro (€400,000) meta l-intimati ngħataw il-possibilita' li jħallsu ammont ferm anqas (ossija ta' €55,000) u jinħelsu milli jħallsu l-ammont bilanċjali ta' tlett mija ħamsa u erbgħin elf Ewro (€345,000) sempliċement kieku ħallsu l-ammont ta' €55,000 sad-data ordnata mill-Qorti;*

j. *L-Ewwel Qorti stess, iddeskriviet id-differenza fl-ammonti bħala diskrepanza kbira! Apparti minn hekk, din id-diskrepanza ma ġiet spjegata minn imkien u la mis-sentenza estera stess u lanqas minn imkien fil-proċedura qudiem l-Ewwel Qorti ma tirriżulta xi spjegazzjoni dwar 'il għala hemm din id-diskrepanza hekk kbira jew dwar f'hiex tikkonsisti tali diskrepanza;*

k. *Illi l-qabża kbira minn €55,000 għal €400,000 ma ġiet spjegata mkien u bl-ebda mod. Inoltre, huwa ferm inverosimili li s-sorte oriġinali kien ta' €400,000 u li l-Qorti estera akkordat lill-intimati jħallsu biss €55,000 (somma ferm iżgħar) li kieku ħallsu fiż-żmien stipulat. Inoltri u fil-fatt, is-sentenza estera stess fil-parti finali tagħha appuntu tgħid li "With the payment of the above sums (€15,000 and €55,000) within the above time limits and dates, <u>**the total debt and expenses shall become fully paid-up**</u>" (enfasi u sottolinejar miżjuda). Min-naħa l-oħra huwa ħafna aktar verosimili li s-sorte oriġinali kien ta' €55,000 u li l-Qorti estera imponiet imgħax jew forma ta' deterrent li jiskatta jekk l-intimati ma*

*jħallsux fit-terminu preskritt. Trallaltro l-fatt li s-sorte oriġinali kien ta' €55,000, ma ġiex kontestat mir-rikorrent, li fl-affidavit tiegħu (in atti tal-kawża rikors ġuramentat numru 287/2020 MH) mkien ma jgħid li s-sorte ma kienx ta' €55,000 jew li kien €400,000 (b'riżerva li fil-mori ta' din il-proċedura ġudizzjarja jintalab l-allegazzjoni tal-proċess de quo);*

l. *Stabbilit li s-sorte oriġinali kien ta' €55,000 (liema ammont eventwalment tħallas), irid jiġi mifhum, spjegat u ġustifikat kif, fi kliem l-Ewwel Qorti stess, hemm diskrepanza daqshekk kbira u n-natura ta' tali diskrepanza;*

m. *Kemm jekk tali żieda (ta' €345,000 minn €55,000) tikkonsisti minn imgħax u kemm jekk tikkonsisti minn xi forma ta' deterrent, tali qabża mhix legalment ġustifikata fl-ordinament ġuridiku Malti;*

n. *Illi għalhekk is-sentenza fiha dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta, ossija tmur kontra l-public policy ta' Malta. L-infurzar għandu għalhekk jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 45(1)(a) tar-Regolament (UE) 1215/2012.*

7. Is-soċjeta' rikorrenti għalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex:

   i. ***Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rikonoxximent tas-sentenza estera Ċiprijotta tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia mogħtija fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 3579/09 u datata is-sittax (16) ta' Lulju 2018 għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 45(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċmbru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), dan in kwantu ir-rikonoxximent tal-imsemmija sentenza ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Malti;***

   ii. ***Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-eżekuzzjoni tas-sentenza estera Ċiprijotta tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia mogħtija fil-proċeduri***

***bin-numru ta' referenza 3579/09 u datata is-sittax (16) ta' Lulju 2018 għandu jiġi rrifjutat ai termini tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), dan in kwantu l-eżekuzzjoni tal-imsemmija sentenza ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Malti;***

iii. ***Konsegwentement, tordna l-ħruġ ta' kontro-mandat għat-tħassir tal-mandat ta' qbid bin-numru ta' referenza 64/2024;***

***Bl-ispejjeż kontra l-Av Mifsud nomine u b'riżerva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-esponenti kontra r-rikorrenti nomine, inkluż iżda mhux limitatament dawk id-danni li hija intitolata għalihom ai termini tal-Artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.***

8. B'risposta datata wieħed u għoxrin (21) t'April 2025, l-intimat **Av Dr Malcolm Mifsud noe** eċċepixxa:

a. *Illi preliminarjament nhar l-14 t'April 2025 il-kreditur nomine ġie notifikat bir-rikors tas-soċjeta' debitriċi datat il-11 ta' April 2025 b'ħamest ijiem għar-risposta. Dan ifisser li n-notifika saret jum qabel ma jibda l-ferjat u matul il-Ġimgħa Mqaddsa, fejn ir-Reġistru tal-Qrati Ċivili jkun magħluq u dan ai termini tal-Artikolu 9(2) tal-Leiġslazzjoni Sussidjarja 12.21. Għalhekk, mingħajr ebda diżrispett lejn din l-Onorabbli Qortit, kellha tiġi ppreżentata din ir-risposta tardivament;*

b. *Illi senjatament is-soċjeta' debitriċi qegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tirrifjuta r-rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenza estera Ċiprijotta tal-Qorti Distrettwali ta' Nicosia mogħtija nhar is-6 ta' Lulju 2018 u konsegwentement tħassar il-mandat ta' qbid de quo, a bażi tal-fatt li din tal-aħħar allegatament tmur kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) ta' Malta;*

c. *Illi f'dan l-istadju tajjeb li jiġi kjarifikat li għalkemm il-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti, dan għamlitu għaliex il-kreditur nomine għażel il-proċedura żbaljata sabiex jenforza sentenza ta' Membru Stat tal-Unjoni Ewropea ġewwa Malta. Il-Qorti tal-Appell ma ħassritx is-sentenza Ċiprijotta għaliex tmur kontra l-istrateġija pubblika Maltija;*

d. *Illi l-kreditur nomine jinsab sorpriż kif is-soċjeta' debitriċi tkompli ssostni li s-sentenza Ċiprijotta tmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta. Is-soċjeta' debitriċi tikkwota parti mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn jingħad li hemm diskrepanza kbira bejn is-sorte u l-penali mogħtija mill-Qorti Ċiprijotta. Dan m'huwa xejn ħlief tentattiv ieħor fejn is-soċjeta' debitriċi tipprova tiżvijja lil din l-Onorabbli Qorti, dan għaliex meta l-Ewwel Qorti użat il-kliem "diskrepanza kbira" bdiet tirreferi fuq dak li intqal fix-xhieda tad-direttur u azzjonist tas-soċjeta' debitriċi Alain Mangion fejn dan tal-aħħar sempliċiment tkellem fuq din id-differenza bejn is-sorte u l-penali. Anzi, l-Ewwel Qorti kompliet billi qalet li s-Sur Mangion irrikonoxxa s-sentenza tal-Qorti estera u ma ta ebda spjegazzjoni plawsibbli tad-dovut. Għal fini ta' ċarezza qiegħed jiġi ċċitat il-pargarafu in kwestjoni fit-totalita' tiegħu:*

*"Da parti tiegħu l-intimat Alain Mangion jikkonferma li hu ħallas is-somma ta' €65,000 u dwar l-ammont ta' €400,000 kif deċiż jitkellem iva fuq diskrepanza kbira u penali iebsa, pero għalkemm jirrikonoxxi s-sentenza tal-Qorti estera, ma jagħti ebda spjegazzjoni plawsibbli tad-dovut."*

e. *Illi tajjeb li wieħed jinnota li dan ir-rikors sar biss minn Credinvest International Corporate Finance Limited, meta s-sentenza in kwistjoni kienet kontra l-istess soċjeta' u kontra d-direttur u l-azzjonista prinċipali ta' dik is-soċjeta' – Alain Mangion, fil-vesti tiegħu personali. B'hekk huwa ġust li wieħed jikkonkludi li l-azzjonista tas-soċjeta' rikorrenti huwa tal-fehma li s-sentenza barranija tista' tiġi rikonoxxuta u inforzata f'Malta;*

f. *Illi barra minn hekk, jekk is-soċjeta' debitriċi ħassitha aggravata b'din id-diskrepanza għaliex skontha hija waħda kbira, setgħet faċilment tappella minn din id-deċiżjoni f'Ċipru stess,* ***liema deċiżjoni s-soċjeta' debitriċi baqgħet ma appellatx,*** *anzi għal ftit żmien segwiet l-ordnijiet tal-Qorti Ċiprijotta u bdiet tħallas kif ġie stabbilit. Kwalunkwe kontestazzjoni setgħet issir quddiem il-Qorti Ċiprijotta,* ***iżda s-soċjeta' debitriċi għażlet li ma tagħmilx dan****. Għaldaqstant is-soċjeta' debitriċi ma tistax tiġi llum u biex tkompli taħrab mid-debitu tagħha issa tivvinta li s-sentenza finali Ċiprijotta tmur kontra l-istrateġija pubblika ta' Malta;*

g. *Illi s-sentenza mill-Qorti Distrettwali ta' Nicosia ġewwa Ċipru ma tmurx kontra l-public policy ta' Malta. Iżda qabel wieħed jidħol f'dan il-punt legali, jekk wieħed jaqra s-sentenza tal-Qorti ta' Nicosia tas-6 ta' Lulju 2018,* ***imkien ma jingħad*** *li s-sorte huwa fl-ammont ta' €55,000. Il-Qorti kkundannat lis-soċjeta' debitriċi u Alain Mangion iħallsu s-somma ta' €400,000 u bl-imgħax ta' 3.5%. Il-figura ta' €55,000 bħala sorte toħroġ minn dak li qalet is-soċjeta' debitriċi biss, u mhux mill-atti. Jista' jkun li fl-opinjoni tas-soċjeta' debitriċi (u mhux ta' Alain Mangion, li ma abbraċċax dan ir-rikors) kellha tagħti €55,000 biss, iżda l-Imħallef f'Nicosia, li ra l-atti kollha u ħa deċiżjoni fuq il-mertu, wasal għal konklużjoni ferm differenti minn tas-soċjeta' debitriċi;*

h. *Fost l-aktar sentenzi riċenti fejn il-Qrati Maltin trattaw il-kwistjoni tal-ordni pubbliku insibu sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża Arkema France v. Klesch Chemicals Limited (C-54433) u Klesch Group Limited (C-41548) mogħtija mill-Qorti tal-Apell fit-7 ta' Diċembru 2023. F'dik il-kawża l-Qorti kienet qiegħda tikkunsidra l-applikabilita' tal-prinċipju ta' ordni pubbliku fl-ambitu ta' rikonoxximent f'Malta ta' lodo arbitrtali mogħtija minn tribunal esteru;*

i. *L-Onorabbli Qorti tal-Appell, f'dik l-okkażjoni ppronunzjat ruħha hekk:*

*"64. Fil-fehma tal-Qorti, it-tifsira mogħtija miċ-Ċentru lill-frażi «ordni pubbliku» hija tajba u tirrifletti sewwa dak li l-Qrati Maltin jifhmu b'din il-*

*fraži. Tassew, ingħad kemm-il darba li deċiżjoni hija meqjusa li tmur kontra l-ordni pubbliku: «jekk toħloq kunflitt ma' dawk il-prinċipji ewlenin tal-ordni ġuridiku li huma l-qofol tas-sistema legali billi jħarsu l-valuri l-aktar fondamentali tas-soċjetà fejn ikun fis-seħħ dak l-ordni» (ara Avukat Dottor Edward Debono noe. v. Jean Pierre sive Jean Borg, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016).”*

j. *Biex jingħad li dispożizzjoni ta' sentenza tmur kontra l-ordni pubbliku Malti, irid jintwera li dik id-disposizzjoni tmur kontra prinċipju ewlieni jew kunċett fondamentali tal-ordinament ġuridiku Malti.*

k. *Fl-għoti tas-sentenza Debono vs Borg l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkwotat mis-sentenza Schoeller International GmbH v. Ellul et, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru 2001 is-segwenti bran:*

*“Sentenza ma titqiesx li tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta għar-raġuni biss illi, li kieku l-kawża nstemgħet u nqatgħet hawn Malta, kienet tinqata' mod ieħor; tmur kontra l-ordni pubbliku jekk toħloq konflitt ma' dawk il-prinċipji ewlenin tal-ordni ġuridiku li huma l-qofol tas-sistema legali billi jħarsu l-valuri l-aktar fundamentali tas-soċjeta' fejn ikun fis-seħħ dak l-ordni.”*

l. *F'sentenza ta' din il-Qorti tal-25 t'Ottubru 2013 fil-kawża fl-ismijiet Av Dr Joseph Zammit McKeon nomine vs Laferla Insurance Agency et (1158/2007)07) ġie inoltre preċiżat li:*

*“Mhix il-funzjoni tal-Qorti lokali li terġa tiftaħ il-mertu tal-kwistjoni deċiża bis-sentenza estera, u partikolarment, mhux kompitu tal-Qorti la li tgħaddi ġudizzju fuq il-kompatibbilita' tal-liġi estera mal-Ordinament Ġuridiku Malti u lanqas li tqabbel il-liġi estera ma' dik Maltija, u tirrifjuta li tesegwixxi sentenza ta' pajjiż li għandu liġijiet differenti minn ta' Malta. Il-prinċipju internazzjali ta' “comity of nations” ma jippermettix dan, u lanqas ma jippermettih l-Artikolu 827. Hu biss meta s-sentenza estera, fl-interpretazzjoni tal-liġi estera, tkun kuntrarju għall-ordni pubbliku jew*

*għal-liġi pubblika interna ta' Malta, li Qorti lokali tista' tirrifjuta li tesegwixxi dik is-sentenza estera."*

m. *Illi b'hekk hemm ġurisprudenza ukoll li tgħidilna li r-regola ta' ordni pubbliku applikabbli għall-każ, għandha tiġi interpetata restrittivament. Ir-regola għalhekk hi favur ir-rikonoxximent ta' sentenzi ta' tribunali esteri, filwaqt li l-prinċipju tal-ordni pubbliku huwa rimedju eċċezzjonali li ma jippermettix l-eżekuzzjoni f'Malta ta' sentenza li tmur kontra regola fondamentali tal-liġi Maltija;*

n. *Illi r-regola ta' ordni pubbliku li tiġi eċċepita trid tkun waħda ta' natura fondamentali. Mhux biżżejjed li fl-ordinament tagħna ikollna regoli differenti minn dawk li tkun applikat il-Qorti barranija. Il-kwistjoni trid timpatta regola bażilari tal-ordinament tagħha;*

o. *Illi meta wieħed janalizza s-sentenza tal-Qorti ta' Ċipru ma jirriżultax li din fiha xi disposizzjonijiet li jmorru kontra l-ordni pubbliku ta' Malta. Ebda parti ta' din is-sentenza ma tmur kontra prinċipju fondamentali tal-liġi ta' Malta;*

p. *Illi, in oltre, tajjeb li din l-Onorabbli Qorti tieħu konjizzjoni tal-fatt li s-soċjeta' debitriċi ma kkontestatx l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1642/24 maħruġ nhar l-10 ta' Ottubru 2024. Barra minn hekk, l-istess soċjeta' debitriċi ġiet notifikata bir-rikors fejn intalab il-bejgħ bl-irkant odjern nhar it-23 ta' Jannar 2025, iżda b'intenzjoni li xxekkel l-andament tal-bejgħ bl-irkant u bħala l-aħħar tentattiv għażlet li ddaħħal rikors għat-tħassir tal-mandat ta' qbid tlettax-il jum qabel il-bejgħ bl-irkant.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tas-soċjeta' debitriċi għandhom jiġu miċħuda, u tkompli l-eżekuzzjoni tas-sentenza Ċiprijotta.*

*Bl-ispejjeż.*

9. Konsegwentement, b'rikors b'urġenza intavolat kontestwalment mar-rikors odjern quddiem din il-Qorti nhar il-ħdax (11) t'April 2025 fl-atti tas-subbasta mmobbli nru 64/2024, is-soċjeta' Credinvest International Corporate Finance talbet lil din il-Qorti sabiex tissospendi l-proċeduri għall-bejgħ b'irkant, u dan sakemm tingħata sentenza finali fir-rikors odjern. Din il-Qorti laqgħet it-talba tas-soċjeta' rikorrenti b'digriet tat-tnejn u għoxrin (22) t'April 2025.

**Il-Qorti**

10. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet, u l-atti tar-Rikors Nru 287/2020 MH allegati b'digriet ta' din il-Qorti mogħti nhar id-disgħa u għoxrin (29) t'April 2025;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

12. Preliminarjament, din il-Qorti tibda biex tosserva illi, hekk kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja f'***'Gjensidige' ADB***[1]:

> *40 In so far as Regulation No 1215/2012 repealed and replaced Regulation No 44/2001, which itself replaced the Brussels Convention, the Court's interpretation of the provisions of one of those legal instruments also applies to those of the others, whenever those provisions can be regarded as equivalent (judgment of 16 November 2023, Roompot Service, C-497/22, EU:C:2023:873, paragraph 21 and the case-law cited).*

[1] Każ Nru C-90/22, deċiżjoni tal-21 ta' Marzu 2024 (Referenza preliminari minn Qorti Suprema tal-Lithuania)

Peress illi kemm fil-Konvenzjoni ta' Brussel tas-27 ta' Settembru 1968, fir-Regolament (KE) Nru 44/2001 u fir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 id-disposizzjonijiet dwar il-proċedura ta' rifjut tar-rikonoxximent ta' sentenza mogħtija minn Stat Membru ieħor huma identiċi in kwantu jelenkaw l-istess raġunijiet ta' rifjut ta' rikonoxximent, ossija, *inter alia*, f'każ illi tali rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (*ordre public*) tal-Istat Membru indirizzat, din il-Qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, ser tagħmel referenza mhux biss għal deċiżjonijiet tal-Qrati Maltin u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) illi rrigwardaw l-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) nru 1215/2012, iżda anke għal deċiżjonijiet dwar l-Artikolu 27 tal-Konvenzjoni ta' Brussel tas-27 ta' Settembru 1968 u l-Artikolu 34 tar-Regolament (KE) nru 44/2001;

13. Dwar ir-Regolament (UE) 1215/2012 in ġenerali, il-QĠUE qalet fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Dieter Krombach vs Andre Bamberski***[2]:

> *19 The Convention* [illum ir-Regolament (UE) 1215/2012] *is intended to facilitate, to the greatest possible extent, the free movement of judgments by providing for a simple and rapid enforcement procedure (see, inter alia, Case C-414/92 Solo Kleinmotoren v Boch [1994] ECR I-2237, paragraph 20, and Case C-267/97 Coursier v Fortis Bank [1999] ECR I-2543, paragraph 25).*
>
> *20 It follows from the Court's case-law that this procedure constitutes an autonomous and complete system independent of the legal systems of the Contracting States and that the principle of legal certainty in the Community legal system and the objectives of the Convention in accordance with Article 220 of the EC*

[2] Każ Nru C-7/98, deċiżjoni tat-28 ta' Marzu 2000 (Referenza preliminari minn Qorti Ġermaniża dwar il-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968, liema Konvenzjoni ppreċediet ir-Regolament (UE) 1215/2012)

*Treaty (now Article 293 EC), on which it is founded, require a uniform application in all Contracting States of the Convention rules and the relevant case-law of the Court (see, in particular, Case C-432/93 SISRO v Ampersand [1995] ECR I-2269, paragraph 39).*

14. Inoltre, fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Real Madrid Club de Fútbol and AE v EE and Société Éditrice du Monde SA***[3] il-QĠUE spjegat ir-*raison d'etre* tal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012:

*31 As is apparent from recitals 16 to 18 of that regulation, the system of appeals for which it provides against the recognition or enforcement of a judgment aims to establish a fair balance between, on the one hand, mutual trust in the administration of justice in the European Union, which justifies judgments given in a Member State being, as a rule, recognised and declared enforceable automatically in another Member State and, on the other hand, respect for the rights of the defence, which means that the defendant should, where necessary, be able to appeal in an adversarial procedure against the declaration of enforceability if he considers one of the grounds for non-enforcement to be present (judgments of 28 April 2009, Apostolides, C-420/07, EU:C:2009:271, paragraph 73, and of 7 July 2015, Lebek, C-70/15, EU:C:2016:524, paragraph 36).*

## A. L-Artikolu 45(1)(a) u l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012

[3] Każ Nru C-633/22, deċiżjoni tal-4 t'Ottubru 2024. Din kienet referenza preliminari minn Qorti ta' Kassazzjoni Franċiża dwar ir-Regolament (KE) 44/2001 , liema Regolament ippreċeda r-Regolament (UE) 1215/2012.

15. L-azzjoni in eżami hija bbażata fuq l-**Artikolu 45(1)(a) u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012**, u cioe:

> *Article 45*
>
> *1. On the application of any interested party, the recognition of a judgment shall be refused:*
>
> *(a) if such recognition is manifestly contrary to public policy (ordre public) in the Member State addressed;*
>
> *[...]*
>
> *Article 46*
>
> *On the application of the person against whom enforcement is sought, the enforcement of a judgment shall be refused where one of the grounds referred to in Article 45 is found to exist.*

16. Jibda biex jingħad illi ai termini tal-**Artikolu 52** tal-istess Regolament:

> *Under no circumstances may a judgement given in a Member State be reviewed as to its substance in the Member State addressed.*

Għaldaqstant, hekk kif ingħad fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***J v H Limited***[4],

> *[B]y disallowing any review of a judgment delivered in another Member State as to its substance, Article 52 of Regulation No* ***1215/2012*** *prohibits the court of the*

[4] Każ Nru C-568/20, deċiżjoni tas-7 t'April 2022 (Referenza Preliminari mill-Qorti Suprema Awstrijaka)

> *Member State in which recognition is sought from refusing to recognise that judgment solely on the ground that there is a discrepancy between the legal rule applied by the court of the State of origin and that which would have been applied by the court of the State in which recognition is sought had it been seised of the dispute. Similarly, the court of the State addressed may not review the accuracy of the findings of law or fact made by the court of the State of origin (see, by analogy, judgments of 28 March 2000, Krombach, C-7/98, EU:C:2000:164, paragraph 36, and of 16 July 2015, Diageo Brands, C-681/13, EU:C:2015:471, paragraph 43 and the case-law cited).*

17. Stabbiliti dawn il-punti preliminari, din il-Qorti sejra issa tgħaddi għar-raġuni illi fuqha qed jintalab ir-rifjut tar-rikonoxximent tas-sentenza mogħtija mill-Qorti f'Nicosia, u cioe l-inkompatibilita' tas-sentenza mal-**istrateġija pubblika (jew *ordre public*) ta' Malta;**

18. Dwar din ir-raġuni għal rifjut, ingħad mill-QĠUE fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***J v. H Limited*** suriferita:

> *42. […][I]t must be pointed out that, although the Member States remain in principle free to determine, according to their own conceptions, what public policy requires, the limits of that concept are a matter of interpretation of that regulation. Consequently, while it is not for the Court to define the content of the public policy of a Member State, it is nonetheless required to review the limits within which the courts of a Member State may have recourse to that concept for the purpose of refusing recognition of a judgment emanating from a court in another Member State (see, by analogy, judgments of 28 March 2000, Krombach, C-7/98, EU:C:2000:164,*

*paragraphs 22 and 23, and of 16 July 2015, Diageo Brands, C‑681/13, EU:C:2015:471, paragraph 42 and the case-law cited).*

*[…]*

*44 Thus, in order to comply with the prohibition on review of the substance of a judgment given in another Member State, recourse to the public-policy clause in Article 45(1)(a) of Regulation No 1215/2012 can be envisaged only if recognition of the judgment given in that Member State were to constitute a manifest infringement of a rule of law regarded as essential in the legal order of the State in which recognition is sought or of a right recognised as being fundamental within that legal order (see, by analogy, judgments of 28 March 2000, Krombach, C‑7/98, EU:C:2000:164, paragraph 37, and of 16 July 2015, Diageo Brands, C‑681/13, EU:C:2015:471, paragraph 44 and the case-law cited).*

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat illi jkun manifestement kontra l-istrateġija pubblika ta' pajjiż illi tiġi enforzata sentenza li ngħatat f'ċirkostanzi fejn min qed jitlob ir-rifjut ma kellux il-possibilta' illi jiddefendi lilu nnifsu quddiem l-Istat Membru t'oriġini, jew illi jappella mid-deċiżjoni li tkun ngħatat fil-konfront tiegħu u jkun qed jintalab li tiġi enforzata;

19. L-istess ingħad fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet ***Charles Taylor Adjusting Ltd, FD v. Starlight Shipping Co, Overseas Marine Enterprises Inc***[5], fejn il-Qorti żiedet:

[5] Każ Nru C-590/21, deċiżjoni tas-7 ta' Settembru 2023 (Referenza Preliminari mill-Qorti ta' Kassazzjoni Griega)

> *32 The Court has held, in so far as concerns the concept of 'public policy' set out in that provision, that Article 34 of Regulation No 44/2001 must be interpreted strictly inasmuch as it constitutes an obstacle to the attainment of one of the fundamental objectives of that regulation. The public-policy clause contained in Article 34(1) of that regulation may be relied on only in exceptional cases (judgments of 28 March 2000, Krombach, C-7/98, EU:C:2000:164, paragraph 21, and of 25 May 2016, Meroni, C-559/14, EU:C:2016:349, paragraph 38 and the case-law cited).*

F'dan il-każ il-QĠUE ddikjarat illi sentenza illi permezz tagħha parti tiġi ordnata tħallas danni għal ksur ta' *choice of court agreement*, huma *quasi anti-suit injunctions*, illi jmorru kontra l-prinċipju ta' fiduċja reċiproka bejn Stati Membri, b'dana illi huma manifestement kontra l-istrateġija pubblika ta' Stat Membru u r-rikonoxximent tagħhom fi Stat Membru ieħor għandu jiġi rifjutat;

20. Finalment, f'***Real Madrid Club de Futbol*** suċitata, il-QĠUE qieset bħala manifestement kontra l-istrateġija pubblika sentenza illi l-enforzar tagħha jkun ser iwassal għal ksur ta' dritt fundamentali fil-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali. Dwar l-indaġini illi kellha tagħmel il-Qorti tal-Istat Membru sabiex tiddeċiedi għandhiex tirrifjuta l-enforzar tas-sentenza jew le, il-QĠUE qalet:

> *68 It is for the referring court to determine, taking account of all of the circumstances of the case, including not only the resources of the persons against whom judgment is given but also the seriousness of their wrong and the extent of the harm as found in the judgments at issue in the main proceedings, whether the enforcement of those judgments would, in the light of the criteria set out in paragraphs 53 to 64 above, give rise to a manifest*

*breach of the rights and freedoms as enshrined in Article 11 of the Charter.*

*69 It is for that court to ascertain whether the damages awarded in those judgments are manifestly disproportionate to the reputational harm in question and thus risk having a deterrent effect on future media coverage of similar matters in the Member State in which enforcement is sought or, more generally, on the exercise of the freedom of the press, as enshrined in Article 11 of the Charter.*

*70 In that context, it should be noted that, although the referring court may take account of the amounts awarded for similar harm in the Member State in which enforcement is sought, any discrepancy between those amounts and the amount of damages awarded in those judgments is not in itself sufficient for a finding that those damages are, automatically and without subsequent verification, manifestly disproportionate to the reputational harm in question.*

*71 Moreover, as the verification to be made by the referring court is aimed solely at identifying a manifest breach of the rights and freedoms enshrined in Article 11 of the Charter, it cannot involve a review of the substantive assessments carried out by the court in the Member State of origin, as that would amount to a review of the merits, which is expressly prohibited by Article 36 and Article 45(2) of Regulation No 44/2001. Thus, in the present case, the referring court may not, inter alia, examine whether, in publishing the article at issue in the main proceedings, EE and Société Éditrice du Monde acted in a manner consistent with their obligations and*

*responsibilities, or call into question the findings of the Tribunal Supremo (Supreme Court) in its judgment of 24 February 2014 concerning the seriousness of the wrong by EE or Société Éditrice du Monde or the extent of the harm suffered by Real Madrid and AE.*

21. Finalment, ingħad imbagħad f'***Diageo Brands BV v. Simiramida-04 EOOD***[6]:

> *64 It follows that Regulation No 44/2001 must be interpreted as being based on the fundamental idea that individuals are required, in principle, to use all the legal remedies made available by the law of the Member State of origin. As the Advocate General has observed in point 64 of his Opinion, save where specific circumstances make it too difficult or impossible to make use of the legal remedies in the Member State of origin, the individuals concerned must avail themselves of all the legal remedies available in that Member State with a view to preventing a breach of public policy before it occurs. That rule is all the more justified where the alleged breach of public policy stems, as in the main proceedings, from an alleged infringement of EU law.*

## B. Is-Sentenza illi tagħha qed jintalab ir-Rifjut tar-Rikonoxximent

22. Stabbilit il-premess, din il-Qorti rat illi fis-sentenza tal-Qorti ta' Nicosia datata sitta (6) ta' Lulju 2018[7], ġie deċiż:

[6] Każ Nru C-681/13, deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2015 (Referenza Preliminari mill-Qorti Olandiża)

[7] **Dok AM1** anness mar-rikors odjern. It-traduzzjoni bil-lingwa Ngliża tinsab a fol 9 tal-proċess

> *THIS COURT HEREBY BY CONSENT ORDERS AND DECIDES that the defendants 1 and 2 pay together and/or separately to the plaintiffs the sum of €40,000 – plus 3.5% interest per annum from the 6.7.2018 until repayment.*
>
> *AND THIS COURT FURTHER ORDERS that the defendants 1 and 2 pay together and/or separately to the plaintiffs 1 and 2 expenses as these will be calculated by the Registrar and approved by the Court, plus V.A.T.*
>
> *AND THIS COURT FURTHER BY CONSENT ORDERS the effects of the judgement to be suspended and are hereby suspended until the 31.10.2018, that is the last date for the defendants to pay the sum of €15,000 plus V.A.T. as procedure expenses. Further suspension of the effects of the above judgement is granted until the 28.2.2019, that is the last date for the defendants to pay to the plaintiffs the sum of €55,000 against the decided debt. It is understood that in the event that the sum of €15,000 plus V.A.T. (expenses amount) is not paid until the 31.10.2018, then the sum of €55,000 shall become immediately payable. It is also understood that in the event that the above amounts (expenses - €15,000 plus V.A.T. and part of the debt - €55,000) are not paid until the 28.2.2019, then the whole sum of the judgement and the expenses shall be immediately due and payable. With the payment of the above sums (€15,000 and €55,000) within the above time limits and dates, the total debt and expenses shall become fully paid-up.*

23. Is-soċjeta' rikorrenti qed tinterpreta s-sentenza Ċirpijotta fis-sens illi s-sorte tal-vertenza bejn il-partijiet kien ta' €55,000, u ssostni għalhekk illi s-somma ta' €400,000 illi s-soċjeta' intimata qed tintalab tħallas huwa wieħed

eżorbitanti, b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi d-differenza bejn is-somma ta' €55,000 u dik ta' €400,000 ma ġiet spjegata mkien. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontendi illi s-sentenza Ċiprijotta fiha dispożizzjonijiet kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal-liġi pubblika interna ta' Malta, ossija tmur kontrta l-*public policy* ta' Malta;

24. Fl-ewwel lok jiġi osservat illi minkejja illi s-sentenza kif hawn fuq riprodotta kważi fl-interita' tagħha ġiet esebita in atti, din il-Qorti hija sprovvista mill-atti illi tressqu quddiem il-Qorti Ċiprijotta. Għaldaqstant, dwar il-proċeduri miġjuba quddiem il-Qorti f'Nicosia, din il-Qorti tista' biss tistrieħ fuq dak illi ġie hawn fuq riprodott, u fuq ix-xhieda u l-provi miġjuba quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta fir-Rikors Ġur Nru 287/2020 MH, illi l-atti tiegħu ġew allegati fil-kawża odjerna;

25. Fit-tieni lok, dak illi għandu jiġi indagat minn din il-Qorti huwa effettivament jekk dak sostnut mis-soċjeta' rikorrenti jikkostitwixxix aġir manifestement kontra l-*ordre public* ta' Malta jew le. Naturalment, sabiex jiġi determinat dan, din il-Qorti għandha l-ewwel tara x'inhu dak li jikkostitwixxi l-istrateġija pubblika ta' Malta;

26. Is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Arkema France vs Klesch Chemicals Limited et***[8] kienet tirrigwarda r-reġistrazzjoni f'Malta ta' deċiżjoni ta' arbitraġġ barrani ai termini tal-Artikolu V tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Dwar l-Għarfien u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet ta' Arbitraġġ Barranin, iżda d-definizzjoni ta' dak illi huwa meqjus bħala *ordre public* f'Malta hija waħda illi, fil-fehma tal-Qorti, tapplika wkoll għall-każ odjern, anke jekk il-każ odjern jirrigwarda r-Regolament (UE) 1215/2012:

> *64. Fil-fehma tal-Qorti, it-tifsira mogħtija miċ-Ċentru lill-frażi «ordni pubbliku» hija tajba u tirrifletti sewwa dak li l-Qrati Matlin jifhmu b'din ilfrażi. Tassew, ingħad kemm-il darba li deċiżjoni hija meqjusa li tmur kontra l-ordni pubbliku: «jekk toħloq kunflitt ma' dawk il-prinċipji*

[8] Rik Nru 54/23/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 7 ta' Diċembru 2023

*ewlenin tal-ordni ġuridiku li huma l-qofol tas-sistema legali billi jħarsu l-valuri l-aktar fondamentali tas-soċjetà fejn ikun fis-seħħ dak l-ordni» (ara Avukat Dottor Edward Debono noe. v. Jean Pierre sive Jean Borg, mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Settembru, 2016).*

27. Kompliet ukoll il-Qorti tal-Appell (Superjuri):

*Nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni ta' deċiżjoni ma jwassalx b'daqshekk għall-ksur tal-ordni pubbliku, anke jekk dik id-deċiżjoni tiġi eventwalment eżegwita mill-kreditur.*

28. Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa preċiżament il-każ anke fil-każ odjern. Fl-affidavit tiegħu fil-proċeduri bir-Rik Ġur Nru 287/2020 MH[9], **Ioaonnis Anastassiades** jgħid illi, *"The Court in Nicosia ordered that Alain Mangion and Credinvest International Corporate Finance Limited pay me and my company four hundred thousand Euros (€400,000) plus 3.5% per annum in interest. The Court further ordered that Alain Mangion and his company jointly pay a further fifteen thousand Euros (€15,000) plus VAT as court costs."* Jgħid ukoll illi Mangion ħallas is-somma kumplessiva ta' ħamsa u sittin elf Ewro (€55,000 u €15,000) bejn Marzu 2019 u Settembru 2020;

29. Mill-banda l-oħra, fl-istess proċeduri, **Alain Mangion** jgħid, *"Kelli nħallas il-court expenses u l-lawyers ta' Joannis* (sic) *and 55,000 Euros."*[10];

30. Saħansitra anke fis-sottomissjonijiet tagħhom fil-każ odjern, filwaqt illi s-soċjeta' rikorrenti ssostni illi l-kreditu mertu tal-vertenza kien fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000), l-intimati jgħidu illi l-kreditu kien fis-somma ta' erba' mitt elf Ewro (€400,000), u li l-ħamsa u ħamsin elf Ewro (€55,000) kienu biss parti mill-pagament skont sensiela ta' *staggered payments* stabbiliti mill-Qorti Ċiprijotta;

[9] A fol 51 tal-proċess allegat
[10] A fol 63a tal-proċess allegat

31. Huwa evidenti għalhekk illi dak illi wassal sabiex is-soċjeta' rikorrenti titlob ir-rifjut ta' rikonoxximent tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċiprijotta kien essenzjalment nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Ċiprijotta, liema interpretazzjoni, bid-dovut rispett, ma ssirx biss billi wieħed jara d-*decide* ta' sentenza illi ftit li xejn tagħti informazzjoni dwar il-vertenza illi kien hemm bejn il-partijiet, iżda billi wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-proċeduri kollha fl-assjem tagħhom. Inoltre, anke li kieku, għall-grazzja tal-argument, kellu jingħad illi s-soċjeta' rikorrenti għandha raġun, m'hemmx dubju illi s-soċjeta' rikorrenti kellha tindirizza dan in-nuqqas ta' qbil mad-deċiżjoni tas-sentenza Ċiprijotta fil-forum appositu b'appell mill-istess sentenza, iżda dan jidher illi m'għamlitux, stante illi **Ioaonnis Anastrassiades**, fl-affidavit tiegħu, jgħid ukoll illi, *"This judgement was not appealed, and it is final."*[11];

32. Fi kwalunkwe każ, dan assolutament, fil-fehma tal-Qorti, ma jistax jingħad illi jwassal sabiex is-sentenza tal-Qorti Ċiprijotta tista' titqies kunfliġġenti mal-istrateġija pubblika ta' pajjiżna. M'hemmx dubju illi l-punt imqajjem mis-soċjeta' rikorrenti huwa punt fil-mertu sostantiv, u hekk kif ġia ġie spjegat aktar 'il fuq, din il-Qorti hija prekluża milli tidħol fil-mertu sostantiv ta' deċiżjonijiet mogħtija minn sentenza ta' Stat Membru ieħor. Infatti, hekk kif ingħad ukoll f'***Arkema France*** suriferita:

> *68. Jekk xejn, l-ordni pubbliku f'Malta jitlob li deċiżjoni finali li għaddiet f'ġudikat, irrispettivament jekk ingħatatx f'Malta jew barra minn xtutna, iġġib magħha l-finalità, u għalhekk din jistħoqqilha illi tiġi rispettata u sussegwentement eżegwita.*

33. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, ikkonsidrat il-fatt illi r-rikonoxximent u eżekuzzjoni tas-sentenza estera Ċiprijotta ma jkunux manifestement kontra l-istrateġija pubblika tal-Istat Malti, din il-Qorti hija tal-fehma illi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu **<u>miċħuda</u>** *in toto*.

---

[11] A fol 51 tal-proċess allegat

**Decide**

34. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad</u>** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tas-soċjeta' rikorrenti.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**